# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-Diċembru tal-2023

**NR 059/2024** **Data tal-Ħruġ: 28 ta' Marzu 2024**

*Fi tmiem Diċembru 2023, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta' €808.0 miljuni.*



Bejn Jannar u Diċembru 2023, id-Dħul Rikorrenti ammonta għal €6,413.0-il miljun, €545.1 miljun ogħla minn dak li kien irrappurtat sena qabel. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Taxxa tad-Dħul (€319.7-il miljun), fis-Sigurtà Soċjali (€106.1 miljuni) u fil-Liċenzji, Taxxi u Multi (€54.2 miljun). Min-naħa l-oħra, it-tnaqqisiet ewlenin kienu rrappurtati mid-Dħul Mixxellanju (€31.1 miljun), mill-Bank Ċentrali ta' Malta (€22.2 miljun) u mill-Miżati tal-Uffiċċju (€18.6-il miljuni).

Sa tmiem Diċembru 2023, in-nefqa totali laħqet €7,220.9 miljun, li hija €468.3 miljun aktar mis-sena ta' qabel.

In-Nefqa Rikorrenti kienet ta' €6,008.1 miljuni, li hija żieda ta' €168.5 miljun meta mqabbla mal-€5,839.6 miljun li kienet irrappurtata fl-aħħar ta' Diċembru 2022. Iż-żieda ta' €68.2 miljun fis-Salarji u Pagi kellha l-akbar sehem f'din iż-żieda. Barra minn dan, kienu rreġistrati żidiet fl-Ispiża tal-Operat (€54.0 miljun) u fil-Programmi u Inizjattivi (€52.1 miljun). Min-naħa l-oħra, il-Kontribuzzjonijiet lill-Entitajiet tal-Gvern niżlu b'€5.8 miljuni wara li kien hemm kontribuzzjonijiet anqas għar-Resource Support and Services Ltd. (€54.6 miljun) u l-Awtorità tad-Djar (€3.2 miljuni), fost oħrajn.

L-iżviluppi ewliena fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet akbar fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€97.7 miljun), għall-Mediċini u materjali kirurġiċi (€26.4 miljun) u Tal-Linja card (€22.6 miljun). Iż-żieda fin-nefqa kienet parzjalment ibbilanċjata mit-tnaqqis irreġistrat fin-nefqa fuq l-iskemi ta' għajnuna tal-Pandemija (€117.8-il miljun).

Il-parti tal-imgħax tal-ispejjeż tal-manutenzjoni tad-dejn pubbliku laħqet b'kollox €214.3-il miljun, żieda ta' €40.7 miljun meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Bejn Jannar u Diċembru 2023, in-nefqa kapitali tal-Gvern ammontat għall-€998.6 miljun, li hija €259.1 miljun aktar meta mqabbla mal-2022. Din iż-żieda kienet ġejja minn nefqiet akbar fuq Proġetti Kapitali (€44.3 miljun), Inċentivi għall-Investiment (€40.7 miljun) u Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€25.0 miljun).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq totali wriet defiċit ta' €808.0 miljuni fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem l-2023. Meta mqabbel mal-2022, kien hemm tnaqqis ta' €76.9 miljun fid-defiċit. Din id-differenza tirrifletti żieda fid-Dħul Rikorrenti totali (€545.1 miljun). Kien hemm żidiet ukoll fin-nefqa totali, li kienet magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€168.5 miljun), mill-Imgħax (€40.7 miljun) u min-Nefqa Kapitali (€259.1 miljun) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta' Diċembru 2023, id-dejn tal-Gvern Ċentrali laħaq id-€9,739.9 miljun, żieda ta' €909.9 miljuni meta mqabbel mal-2022. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta (€1,037.1 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fid-Dejn Barrani (€71.9 miljun) u fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f'isem it-Teżor (€3.9 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fil-Kambjali tat-Teżor (€175.1 miljun) u fl-Istokks ta' Tifdil 62+ tal-Gvern ta' Malta (€23.4 miljun). Fl-aħħar, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta' Malta wasslu għal tnaqqis ta' €4.5 miljuni fid-dejn (Tabella nru 6).

## Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat: Jannar-Diċembru bis-sena

f'miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin

Jannar-Diċembru 2023




## Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategorji ewlenin

Jannar-Diċembru 2023

